C/2026/4347

10.8.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12570 — C2X / CPCM / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/4347)

1. Fit-30 ta' Lulju 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— C2X Ltd (ir-Renju Unit), li fl-aħħar mill-aħħar hija kkontrollata minn A.P. Møller Holding A/S (id-Danimarka),

— CP Industrial Capital Management Co., Limited (Hong Kong), li fl-aħħar mill-aħħar hija kkontrollata minn Charoen Pokphand Group Co., Ltd. (it-Tajlandja).

L-impriża konġunta li għadha kif inħolqot hija C2X Asia Pte Ltd (Singapore).

C2X Ltd u CP Industrial Capital Management Co., Limited se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' C2X Asia Pte Ltd.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— C2X Ltd tiżviluppa u topera proġetti ta' produzzjoni ta' metanol ekoloġiku, fejn primarjament isservi s-setturi tal-kimika, tal-avjazzjoni u tat-trasport marittimu,

— CP Industrial Capital Management Co., Limited hija entità ta' investiment ta' Charoen Pokphand Group, grupp multinazzjonali diversifikat li hu attiv f'setturi li jinkludu l-ikel, il-bejgħ bl-imnut, it-telekomunikazzjoni, l-infrastruttura, il-farmaċewtiċi u s-servizzi finanzjarji.

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' C2X Asia Pte Ltd se jikkonsistu fl-iżvilupp, l-operat u l-kummerċjalizzazzjoni ta' proġetti ta' metanol ekoloġiku fiċ-Ċina u fix-Xlokk tal-Asja.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]), jenħtieġ jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12570 — C2X / CPCM / JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË